# NEWSHEET TAL-GĦAQDIET KATTOLIĊI
Segretarjat għall-Apostolat tal-Lajċi


IL-KURJA, KAXXA POSTALI 1 TRIQ IR-REPUBLIKA, VICTORIA, VCT 1013, GHAWDEX, MALTA.
TEL: (00356) 2155 6661 - (00356) 2155 6427 - (00356) 2155 1211 FAX: (00356) 2155 1278


**NRU. 425.** **Mejju 2012**


## Il-ġurnata tal-Ħadd

Sfortunatament qed jikber in-numru ta' dawk li jqisu l-Ewkaristija bħala lussu u għalhekk jistgħu jippermettu li jitbiegħdu minnha! Illum ħafna huma dawk li mhux biss irrinunzjaw għall-Quddiesa ta' kuljum, imma wkoll għall-Quddiesa tal-Ħadd! Il-kultura ta' żmienna mhix tgħinna biex ngħożżu l-Ħadd bħala Jum il-Mulej.

Dan l-aħħar rajna prassi ġdida li ġiet introdotta fis-soċjetà, fejn il-ħwienet jistgħu jiftħu fil-festi pubbliċi, u għalhekk ħafna tnaqqrilhom il-ħin li normalment kien ikollhom għall-mistrieħ u attivitajiet oħra. Għal darb'oħra r-regoli tal-ekonomija rebħu fuq il-bniedem! Bosta ħarġu jikkritikawni għax għidt li l-Ħadd għandu valur ċiviku bħala jum ta' mistrieħ – valur li jaqbel mat-tifsira Nisranija ta' dan il-jum. Ma nkunux aħna li nikkontradixxu lilna nfusna u nipprofanaw u niddesagralizzaw Jum il-Mulej, li għandu jkun immarkat bis-sehem tagħna f'din l-Ikla Ewkaristika. Aħna l-Insara, propju għax immotivati mit-twemmin tagħna, għandna nkunu minn tal-ewwel li ma nużawx dan id-dritt li qed tagħtina l-Awtorità Ċivili biex il-jiem pubbliċi (u minn hawn u ftit ieħor anki l-Ħdud) ikunu jiem ta' negozju! (Silta mill-omelija ta' Mons Isqof Mario Grech fil-Katidral, nhar Ħamis ix-Xirka filgħaxija, 6 ta' April 2012.)

---

## SAN ĠUŻEPP ĦADDIEM
## IT-TLIETA 1 TA' MEJJU 2012

F'dan il-jum inpoġġu lilna nfusna bħala ħaddiema fil-għalqa tal-Mulej taħt it-protezzjoni ta' San Ġużepp Patrun tagħna l-Ħaddiema. Inħarsu dan il-jum billi nqaddsuh u nagħmlu talb speċjali biex jgħinna u jħarisna fl-appostolat tagħna.

---

**PELLEGRINAĠĠ għal fuq il-Qabar ta' San Ġorġ Preca**
**L-Erbgħa 9 ta' Mejju 2012**
(Tluq: Vapur tal-4.30pm – Lura: Vapur tad-9.30pm)
Biljetti minngħand is-Soċi/Oqsma tal-Museum.

---

## SONG FESTIVAL MARJAN
### IS-SIBT 12 TA' MEJJU 2012
### ORATORJU DON BOSCO, IR-RABAT

Il-Leġjun ta' Marija f'Għawdex ser jorganizza s-Song Festival Marjan nhar is-Sibt, 12 ta' Mejju 2012 filgħaxija fl-Oratorju Don Bosco fis-7.30 pm. Il-Biljetti jinkisbu mill-Post tal-Leġjun fi Pjazza Santu Wistin, Ir-Rabat.

---

## Dehriet tal-Madonna ta' Fatima

Nhar il-Ħadd, 13 ta' Mejju jibdew id-dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima. Fil-Knisja ta' Ħamet **L-EWWEL DEHRA ser issir nhar it-Tnejn, 14 ta' Mejju Fis-6.00 pm** tibda l-Adorazzjoni Ewkaristika Solenni mmexxija mill-Azzjoni Kattolika t'Għawdex Fis-6.45pm Quddiesa Konċelebrata mmexxija mill-E.T. Mons Mario Grech Isqof t'Għawdex fejn jinawgura Kampanja favur « AMBJENT MORALMENT NADIF » fl-istess Knisja organizzata mill-Azzjoni Kattolika t'Għawdex wara jsir pellegrinaġġ ta' talb bl-istatwa tal-Madonna ta' Fatima u fl-aħħar barka sagramentali. Dawn id-dehriet jitkomplew kull 13 tax-xahar sa Ottubru.

---

## Jum Dinji ta' Talb minn Nisa Kattoliċi

Laqgħa ta' Talb fid-Dar Ċentrali tal-Azzjon Kattolika, Triq Sir Arturo Mercieca, Ir-Rabat nhar il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012 mid-9.00am sal-10.30am Preżenti ser ikun hemm l-Isqof t'Għawdex Mons Mario Grech fejn jippresiedi Konċelebrazzjoni. In-Nisa kollha u anke reliġjużi nisa huma mistiedna għal din il-Laqgħa ta' Talb mal-Isqof. Araw Programm mqassam.

## Kalendarju Pastorali
## Mejju 2012 - Numru 425

| | |
|---|---|
| 1.Tlieta | **Tifkira ta' San Ġużepp Ħaddiem.** Patrun tal-Ħaddiema. / Jum il-Ħaddiem. |
| 2.Erbgħa | San Atanasju, Isqof u Duttur tal-Knisja- Tifkira (O).<br>Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani. / L-Ewwel Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 3.Ħamis | San Filippu u San Ġakbu, Appostli . Festa.<br>Laqgħa għall-għalliema tal-Yr.4 tal-Iskejjel tal-Knisja (Laura Vicuna) /Laqgħa "Grupp Talb Dun Mikiel Attard" – Knisja ta' Ħamet (Quddiesa : 7.00pm. Adorazzjoni : 7.30-8.30pm).<br>WUCWO DAY (AK). Jum Dinji ta' Talb min-Nisa Kattoliċi – Fid-dar Ċentrali tal-Azzjoni Kattolika, mid-9.00 -10.30am. Ikun hemm ukoll konċelebrazzjoni preseduta minn Mons Isqof Mario Grech. |
| 4.Ġimgħa | L-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi.<br>Laqgħa għall-persuni f'relazzjoni barra miż-żwieġ (KDF - Dar Manresa fit-8.00pm). |
| 5.Sibt | Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewk. fil-Knisja ta' Savina, ir-Rabat (Quddiesa fit-8.30pm u f'nofsillejl). |
| **6.Ħadd** | **Il-Ħames Ħadd tal-Għid**. / Ċenaklu A.K. (Dar Ċentrali - 8.30am). |
| 7.Tnejn | Jiftħu l-Applikazzjonijiet għal studenti fil-Year 1- Year 6 tal-Iskejjel tal- Knisja. |
| 8.Tlieta. | Festa tal-Madonna ta' Pompej (Knisja ta' Pompej, Ir-Rabat). F'nofsinhar l-ET Mons Isqof Mario Grech imexxi s-**Supplika tal-Madonna ta' Pompej**. |
| 9.Erbgħa | **San Ġorġ Preca**. Festa. / **PELLEGRINAĠĠ** GĦAL FUQ IL-QABAR TA' SAN ĠORĠ PRECA, Blata l-Bajda. Tluq mal-vapur tal-4.30pm. Lura mal-vapur tad-9.30pm. Biljetti mill-Oqsma tal-Museum.<br>Laqgħa għall-Kumissjoni Parrokkjali Familja (Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb - 7.30pm).<br>It-Tieni Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 10.Ħamis | Laqgħa għall-Għalliema tal-Year 5 tal-Iskejjel tal-Knisja (Laura Vicuna).<br>Laqgħa KDF (Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb - 7.30pm). |
| 12.Sibt | San Mattija, Apostlu. Festa. / **Song Festival Marjan** fl-Oratorju Don Bosco, ir-Rabat fis-7.30pm<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewk. fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, ir-Rabat (Quddiesa fit-8.30pm u f'nofsillejl). |
| **13.Ħadd** | **Is-Sitt Ħadd tal-Għid.** / **Jum l-Omm**. Nitolbu għall-Ommijiet tagħna ħajjin u mejtin. |
| 14.Tnejn | **San Mattija, Appostlu. Festa.**<br>**L-Ewwel dehra tal-Madonna ta' Fatima** fil-Knisja Ta' Ħamet fis-6.00pm Adorazzjoni u fis-6.45pm quddiesa mill-E.T. Mons Mario Grech (ara programm).Ftuħ tal-Kampanja tal-Purezza mill-A.K. |
| 15.Tlieta | Jum Internazzjonali tal-Familja (ĠM). |
| 16.Erbgħa | Laqgħa KDF (Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb - 7.30pm). / It-Tielet Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 17.Ħamis | Laqgħa għall-għalliema tal-Yr.6 tal-Iskejjel tal-Knisja (Laura Vicuna). |
| 19.Sibt | Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati fi-Parroċċa tan-Nadur li tibda fis-7.30pm bil-Quddiesa.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fl-Oratorju Don Bosco, ir-Rabat (Quddiesa fit-8.30pm u f'nofsillejl). |
| **20.Ħadd** | **Festa ta' Tlugħ il-Mulej fis-Sema.** / Is-46 Jum tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali. |
| 22. Tlieta | Santa Rita minn Cascia, Reliġjuża. Tifkira. |
| 23.Erbgħa | KKSK (Konservatorju tal-Isqof) / Ir-Raba' Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 24.Ħamis | Skola ta' Formazzjoni: Formazzjoni tal-operaturi pastorali (KDF) (Ċentru ta' Kana - 5.30pm).<br>Laqgħa ta' Talb minn Nisa Kattoliċi – Azzjoni Kattolika Victoria fid-9.00a.m.<br>Lejl Adorazzjoni Mov. Ewk. fil-Knisja ta' Santu Wistin, ir-Rabat (Quddiesa fit-8.30pm u f'nofsillejl). |
| 26.Sibt | **Velja Djoċesana ta' Pentekoste** (Għajnsielem - 7.30pm).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewk. fil-Knisja ta' Ħamet (Quddiesa fit-8.30pm u f'nofsillejl). |
| **27.Ħadd** | **Solennità ta' Għid il-Ħamsin /Jum l-Appostolat tal-Lajċi**.<br>Festa ta' San Pawl Nawfragu (Parroċċa Munxar). |
| 28.Tnejn | Jittellgħu l-Poloz għal Form I (Seminarju).<br>Kunsill Pastorali Djoċesan (Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb - 8.00pm). |
| 29.Tlieta | Jittellgħu l-Poloz għal Year 1 - Year 6 (Seminarju). |
| 30.Erbgħa | Il-Ħames Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 31. Ħamis. | Iż-Żjara tal-Verġni Mqaddsa Marija lil Santa Eliżabetta . Festa<br>Konsagrazzjoni tal-Familji f'għeluq ix-xahar tal-Madonna. / Jum Dinji kontra t-Tipjip (ĠM).<br>Laqgħa għall-Persuni Separati (KDF - Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb - 8.00pm). |

*Maħruġa mis-Segretarjat għall-Appostolat tal-Lajċi*
*Kurja ta' l-Isqof - Ir-Rabat – Ghawdex*